Ġabra tal-ġurisprudenza

KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
BOBEK
ippreżentati fl-10 ta' April 2018 [1]

**Kawża C-154/17**

**SIA 'E LATS'**
**partijiet magħquda:**

**Valsts ieņēmumu dienests (l-Awtorità tat-taxxa)**

"Talba għal deċiżjoni preliminari – Taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) – Kunċett ta' 'oġġetti użati' – Kunċett ta' 'metalli prezzjużi jew ħaġar prezzjuż'"

## I. Introduzzjoni

1. SIA 'E LATS' hija rivenditur u persuna taxxabbli għal skopijiet ta' VAT. Din toffri self ggarantit lil individwi fil-forma ta' oġġetti li jkun fihom metalli prezzjużi jew ħaġar prezzjuż. Oġġetti mirhuna mhux mifdija jerġgħu jinbiegħu minn SIA 'E LATS' lil kummerċjanti oħra, primarjament biex jinkisbu metalli prezzjużi jew ħaġar prezzjuż. Dawk il-kummerċjanti huma responsabbli biex iħallsu l-VAT.

2. Ġie applikat sistema partikolari tal-VAT għall-oġġetti użati minn SIA 'E LATS' għal dawk it-tranżazzjonijiet ta' bejgħ mill-ġdid. L-awtorità tat-taxxa kompetenti madankollu ma aċċettatx li kienet tapplika dik is-sistema partikolari. Hija sabet li l-oġġetti mibjugħa mill-ġdid minn SIA 'E LATS' ma kinux oġġetti użati fit-tifsira tal-leġiżlazzjoni fiskali applikabbli. Bħala riżultat, hija talbet li SIA 'E LATS' tħallas ammont addizzjonali ta' VAT.

3. Huwa f'dan il-kuntest li l-Augstākā tiesa (il-Qorti Suprema, il-Latvja) talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tipprovdi l-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni speċifika tad-Direttiva 2006/112 (iktar 'il quddiem id-"Direttiva tal-VAT") [2] li tirregola l-VAT applikabbli għall-oġġetti użati. B'mod partikolari, il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar il-portata tal-eċċezzjoni tal-"metalli prezzjużi jew ħaġar prezzjuż" li tinsab fid-definizzjoni ta' "oġġetti użati". Hija tistaqsi wkoll jekk ċerti karatteristiċi tat-tranżazzjoni ta' bejgħ mill-ġdid jaffettwawx il-portata ta' dik l-eċċezzjoni.

## II. Il-kuntest ġuridiku

### *A. Id-Direttiva tal-VAT*

4. Il-premessa 51 tad-Direttiva tipprovdi li hu "xieraq li tiġi adottata sistema ta' tassazzjoni tal-Komunità li għandha tkun applikata għall-oġġetti użati, xogħlijiet ta' l-arti, antikitajiet u oġġetti tal-kollezzjoni, bil-għan li tkun evitata t-taxxa doppja u d-distorsjoni tal-kompetizzjoni bejn persuni taxxabbli".

1 Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

2 Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU 2006 L 347 p. 1).

5. Il-Kapitolu 4 tat-Titolu XII tad-Direttiva tal-VAT fih regoli dwar sistema partikolari għal oġġetti użati, xogħlijiet tal-arti, oġġetti tal-kollezzjoni u antikitajiet. Iktar speċifikament, l-Artikolu 311 ta' dik id-direttiva jgħid:

"1. Għall-finijiet ta' dan il-Kapitolu, u mingħajr preġudizzju għal dispożizzjonijiet oħra tal-Komunità, id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw:

(1) 'oġġetti użati' tfisser proprjetà mobbli tanġibbli li tista' tiġi użata ulterjorment kif inhi jew wara li tissawwa, minbarra xogħlijiet ta' l-arti, oġġetti tal-kollezzjoni jew antikitajiet u minbarra metalli prezzjużi jew ħaġar prezzjuż kif definit mill-Istati Membri;

[…]"

### *B. Id-dritt Latvjan*

6. L-Artikolu 138 tal-Pievienotās vērtības nodokļa likums (iktar 'il quddiem "il-Liġi tal-VAT") jistabbilixxi li sistema partikolari tal-VAT tapplika għal tranżazzjonijiet li jinvolvu oġġetti użati, xogħlijiet tal-arti, oġġetti tal-kollezzjoni u antikitajiet. Skont id-digriet tar-rinviju, din id-dispożizzjoni timplimenta *inter alia* l-Artikolu 311 tad-Direttiva tal-VAT.

7. Skont id-deċiżjoni tar-rinviju, hemm regoli nazzjonali rilevanti oħra, previsti fl-Artikoli 183 u 184 tal-Ministru kabineta 2013. Gada 3. Janvāra noteikumi Nr. 17 'Pievienotās vērtības nodokļa likuma normu piemērošanas kārtība un atsevišķas prasības pievienotās vērtības nodokļa maksāšanai un administrēšanai' (ir-Regolament Nru 17 tal-Kunsill tal-Ministri tat-3 ta' Jannar 2013 dwar il-proċedura għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Liġi tal-VAT u diversi rekwiżiti għall-ħlas u l-amministrazzjoni tal-VAT, iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 17"). L-Artikolu 183 tar-Regolament Nru 17 jiddefinixxi oġġetti użati bħala oġġetti tanġibbli li ġew użati u huma adattati għal użu ulterjuri kif inhuma jew wara trasformazzjoni jew tiswija, għajr għal xogħlijiet tal-arti, oġġetti tal-kollezzjoni jew antikitajiet. L-Artikolu 184 tal-istess regolament jeskludi metalli prezzjużi jew ħaġar prezzjuż mill-kunċett ta' oġġetti użati, filwaqt li jgħid ukoll li oġġetti li jkun fihom metalli prezzjużi jew ħaġar prezzjuż għandhom ikunu koperti bil-kunċett ta' oġġetti użati jekk ikunu kkunsinjati jew ittrasferiti għal bejgħ mill-bejjiegħ, imsemmija fl-Artikolu 138 tal-Liġi tal-VAT. Barra minn hekk, it-tieni sentenza tal-Artikolu 184 tiddikjara li x-xogħlijiet, li jikkorrispondu mal-Kapitoli 71, 82, 83, 90 jew 96 tan-Nomenklatura Magħquda, jitqiesu bħala xogħlijiet li fihom metalli prezzjużi jew ħaġar prezzjuż.

## III. Il-fatti, il-proċeduri nazzjonali u d-domandi preliminari

8. SIA 'E LATS' (iktar 'il quddiem "l-appellanti") hija rivenditur u persuna taxxabbli għall-finijiet tal-VAT. Din toffri self lil individwi li, skont id-digriet tar-rinviju, ma humiex obbligati jħallsu l-VAT. Meta tipprovdi s-self, tieħu oġġetti mirhuna, li huma oġġetti li jkun fihom metalli prezzjużi jew ħaġar prezzjuż bħal ktajjen, pendenti, ċrieket, ċrieket taż-żwieġ, mgħaref u materjal dentali.

9. L-appellanti reġgħet biegħet oġġetti mirhuna mhux mifdija lil kummerċjanti oħra, li huma wkoll persuni responsabbli għall-VAT. L-oġġetti kienu kklassifikati skont il-metall li kien fihom kif ukoll il-purezza tagħhom. Dawn kienu reġgħu inbiegħu bil-piż sabiex dawk il-metalli jew ħaġar prezzjuż ikunu jistgħu jinkisbu (iktar 'il quddiem "it-tranżazzjonijiet inkwistjoni").

10. L-appellanti applikat is-sistema partikolari tal-VAT għall-oġġetti użati għall-operazzjonijiet inkwistjoni, kif previst fl-Artikolu 138 tal-Liġi tal-VAT.

11. Il-Valsts ieņēmumu dienests (iktar 'il quddiem l-"Awtorità tat-Taxxa, il-Latvja") qieset li l-prodotti li l-appellanti reġgħet biegħet kien ruttam: ma kinux oġġetti użati u għalhekk is-sistema partikolari tal-VAT għal oġġetti użati ma setgħetx tapplika. Għaldaqstant, hija adottat deċiżjoni li tobbliga lill-appellanti tħallas ammont addizzjonali ta' VAT

12. L-appellanti ppreżentat rikors għal annullament minn din id-deċiżjoni. L-Administratīvā apgabaltiesa (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali, il-Latvja) ċaħdet l-appell billi sostniet li l-appellanti kienet applikat l-Artikolu 138 tal-Liġi tal-VAT għat-tranżazzjonijiet inkwistjoni b'mod mhux korrett. Hija ddeċidiet li l-oġġetti tad-deheb, tal-fidda u ta' materjali prezzjużi oħra kienu nbiegħu mill-appellanti bħala ruttam, mhux bħala oġġetti użati.

13. Il-kawża issa hija pendenti quddiem l-Augstākā tiesa (il-Qorti Suprema, il-Latvja), il-qorti tar-rinviju. Din tal-aħħar tinnota li jista' jinftiehem li s-sistema partikolari taħt l-Artikolu 311(1)(1) tad-Direttiva tal-VAT ma japplikawx għal oġġetti li jinkludu metalli prezzjużi jew ħaġar prezzjuż li ma humiex mibjugħa bħala oġġetti użati, imma biss biex jinkisbu "metalli prezzjużi jew ħaġar prezzjuż" li jinsabu fihom. Dik il-qorti tqis li oġġetti bħal dawn ma humiex "oġġetti użati" imma huma "metalli prezzjużi jew ħaġar prezzjuż". Hija tikkunsidra wkoll li f'dan ir-rigward, l-Artikolu 311(1)(1) tad-Direttiva tal-VAT ma jippermetti l-ebda diskrezzjoni tal-Istati Membri.

14. F'dawk iċ-ċirkustanzi, l-Augstākā tiesa (il-Qorti Suprema) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1. Il-punt (1) tal-Artikolu 311(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, għandu jiġi interpretat fis-sens li xogħlijiet użati, mixtrija minn rivenditur, li jkollhom metalli prezzjużi jew ħaġar prezzjuż (bħal f'dan il-każ) u li jerġgħi jinbiegħu primarjament sabiex jinkisbu dawn il-metalli u dan il-ħaġar, jistgħu jitqiesu bħala oġġetti użati?

2. Jekk ir-risposta għall-ewwel domanda hija pożittiva, sabiex tiġi llimitata l-applikazzjoni ta' din is-sistema partikolari, huwa rilevanti li r-rivenditur jkun jaf bl-intenzjoni ulterjuri tax-xerrej li jikseb il-metalli prezzjużi jew il-ħaġar prezzjuż li jkunu jinsabu f'dawn ix-xogħlijiet użati, jew huma rilevanti l-karatteristiċi oġġettivi tat-tranżazzjoni (il-kwantità tal-prodotti, l-istatus legali tal-parti l-oħra fit-tranżazzjoni, eċċ)?"

15. Saru osservazzjonijiet bil-miktub, mill-Gvern Latvjan u l-Kummissjoni Ewropea. Dawk u l-appellanti għamlu sottomissjonijiet orali ukoll waqt seduta li saret fil-25 ta' Jannar 2018.

## IV. Kunsiderazzjoni

16. Dawn il-konklużjonijiet huma strutturati kif ġej. L-ewwel, se nispjega l-portata u l-loġika tal-kunċett ta' "oġġetti użati" li jinsab fl-Artikolu 311(1)(1) tad-Direttiva tal-VAT (A). It-tieni nett, ser ngħaddi għall-eċċezzjoni li din l-aħħar dispożizzjoni tistabbilixxi għal metalli prezzjużi jew ħaġar prezzjuż, sabiex nipprova naqbad l-għan u l-loġika ta' dik l-eċċezzjoni (B). Fuq il-bażi ta' dawn iż-żewġ punti ġenerali, imbagħad ser nipprovdi ftit gwida dwar iċ-ċirkustanzi rilevanti li għandhom jiġu kkunsidrati sabiex jiġi evalwat jekk l-oġġetti inkwistjoni jistgħux jiġu kklassifikati bħala oġġetti użati (C).

### *A. Il-kunċett ta' "oġġetti użati"*

17. L-Artikolu 311(1)(1) tad-Direttiva tal-VAT jiddefinixxi oġġetti użati bħala "proprjetà mobbli tanġibbli li tista' tiġi użata ulterjorment kif inhi jew wara li tissawwa, minbarra xogħlijiet ta' l-arti, oġġetti tal-kollezzjoni jew antikitajiet u minbarra metalli prezzjużi jew ħaġar prezzjuż kif definit mill-Istati Membri".

18. Għaldaqstant, sabiex jidħlu fid-definizzjoni stabbilita fl-Artikolu 311(1)(1) tad-Direttiva tal-VAT, l-oġġetti inkwistjoni għandhom jgħaqqdu żewġ kundizzjonijiet pożittivi: (i) "proprjetà mobbli tanġibbli" li hija idonea biex (ii) "tista' tiġi użata ulterjorment kif inhi jew wara li tissawwa"; u tevita waħda negattiva (iii): "minbarra xogħlijiet ta' l-arti, oġġetti tal-kollezzjoni jew antikitajiet u minbarra metalli prezzjużi jew ħaġar prezzjuż kif definit mill-Istati Membri".

19. Ma hemmx dubju li l-oġġetti inkwistjoni huma "proprjetà mobbli tanġibbli". Għalhekk, l-ewwel kundizzjoni hija ssodisfatta b'mod ċar. Il-punt ta' kontestazzjoni f'din il-kawża jikkonċerna l-qari flimkien tat-tieni kundizzjoni (pożittiva) u r-relazzjoni eżatta tagħha mat-tielet kundizzjoni (negattiva).

20. Sabiex nevalwa din l-interazzjoni, l-ewwel ser nikkunsidra l-għanijiet segwiti mis-sistema partikolari tal-VAT għall-oġġetti użati (1) qabel ma ngħaddi għall-ewwel wieħed mill-elementi kontenzjużi tad-definizzjoni, jiġifieri "li tista' tiġi użata ulterjorment" (2).

#### *1. Għanijiet tas-sistema partikolari tal-VAT applikabbli għall-oġġetti użati.*

21. Oġġetti użati huma suġġetti għall-iskema tal-marġni ta' profitt, li tidderoga mis-sistema komuni tal-VAT: minflok tiġi kkalkolata abbażi tal-prezz tal-bejgħ, il-VAT dovuta hija kkalkolata abbażi tad-differenza bejn il-prezzijiet tax-xiri u tal-bejgħ tal-oġġetti [3].

22. L-iskema tal-marġni ta' profitt hija eċċezzjoni għar-reġim ġenerali tal-VAT. Il-portata tal-prodotti li jaqgħu taħt dik l-iskema għandha għalhekk tiġi interpretata b'mod strett [4] u ma għandhiex tmur lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jinkiseb l-għan imfittex [5].

23. Madankollu, il-metalli prezzjużi jew il-ħaġar prezzjuż huma esklużi mill-kunċett ta' oġġetti użati (u, bl-istess mod, mill-iskema ta' marġni ta' profitt deroganti). Għalhekk, dak il-kunċett effettivament huwa *eċċezzjoni għal eċċezzjoni*, li jfisser li l-oġġetti li jaqgħu taħt l-eċċezzjoni tal-metalli prezzjużi jew il-ħaġar prezzjuż jerġgħu lura għar-reġim ġenerali tal-VAT [6].

24. Isegwi mill-premessa 51 tad-Direttiva tal-VAT li s-sistema partikolari tal-VAT għall-oġġetti użati ġiet introdotta sabiex tiġi evitata t-tassazzjoni doppja u d-distorsjoni tal-kompetizzjoni [7]. Filwaqt li "s-sistema komuni tal-VAT timmira fil-prinċipju li tassenja l-valur miżjud ekonomiku fi stadji differenti fil-proċess ta' produzzjoni u distribuzzjoni" [8], il-VAT miġbura fir-rigward ta' oġġetti użati tqajjem il-problema speċifika li l-piż tal-VAT jinġarr darbtejn.

3 Ara s-Subtaqsima 1 tat-Taqsima 2 tal-Kapitolu 4 tad-Direttiva tal-VAT (l-"iskema ta' marġini"). L-Artikolu 313(1) jistipula fir-"rigward ta' provvisti ta' oġġetti użati, xogħlijiet ta' l-arti, oġġetti tal-kollezzjoni u antikitajiet magħmula minn negozjanti taxxabbli, l-Istati Membri għandhom japplikaw skema speċjali għall-intaxxar tal-marġni ta' profitt magħmul minn negozjant taxxabbli, skond id-disposizzjonijiet ta' din is-Sub-taqsima". Bis-saħħa tal-Artikolu 315, l-"ammont taxxabbli fir-rigward tal-provvista ta' [*inter alia* oġġetti użati] għandu jkun il-marġni ta' profitt magħmul min-negozjant taxxabbli, bit-tnaqqis ta' l-ammont tal-VAT li jirreferi għall-marġni ta' profitt. Il-marġni ta' profitt tan-negozjant taxxabbli għandu jkun ugwali għad-differenza bejn il-prezz tal-bejgħ mitlub min-negozjant taxxabbli għall-merkanzija u l-prezz tax-xiri."

4 Dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 314 tad-Direttiva tal-VAT, ara s-sentenza tat-18 ta' Mejju 2017, Litdana (C-624/15, EU:C:2017:389, punt 23 u l-ġurisprudenza ċċitata).

5 Sentenza tat-8 ta' Diċembru 2005, Jyske Finans (C-280/04, EU:C:2005:753, punt 35 u l-ġurisprudenza ċċitata).

6 Ara, f'kuntest differenti, is-sentenza tal-15 ta' Jannar 2002, Libéros vs Il-Kummissjoni (C-171/00 P, EU:C:2002:17, punt 27). Ara wkoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Jacobs għall-kawża Zoological Society (C-267/00, EU:C:2001:698, punt 19).

7 Dan l-għan doppju tfakkar mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza tat-3 ta' Marzu 2011, Auto Nikolovi (C-203/10, EU:C:2011:118, punti 47 u 48).

8 Sentenza tal-1 ta' April 2004, Stenholmen (C-320/02, EU:C:2004:213, punt 27).

25. Dan jiġri meta kummerċjant taxxabbli jakkwista oġġetti minn persuna mhux taxxabbli u jħallas il-VAT inkluża fil-prezz tax-xiri, filwaqt li dak il-kummerċjant ma jistax sussegwentement inaqqasha. Fi kliem ieħor, meta persuna (li ma hijiex persuna taxxabbli tal-VAT) tixtri oġġetti, hija għandha tħallas il-VAT applikabbli bħala parti mill-prezz tax-xiri. Meta dik il-persuna tbiegħ dawn l-oġġetti lil kummerċjant taxxabbli, dak il-kummerċjant taxxabbli fil-prinċipju ma jkollux il-possibbiltà li jnaqqas il-VAT imħallsa inizjalment u li tkun tinsab fil-prezz tax-xiri. B'dan il-mod, il-kummerċjant taxxabbli jkollu iħallas il-VAT mill-ġdid u sseħħ it-tassazzjoni doppja. Din hija preċiżament is-sitwazzjoni li s-sistema partikolari tal-VAT għall-oġġetti użati trid tevita billi tipprovdi li l-VAT dovuta mill-kummerċjant taxxabbli tkun iddeterminata abbażi tad-differenza bejn il-prezzijiet tax-xiri u l-bejgħ [9].

26. F'dan is-sens, il-Qorti tal-Ġustizzja spjegat l-"intaxxar fuq il-valur globali tal-provvista ta' oġġetti użati, [...] filwaqt li l-prezz li bih in-negozjant taxxabbli xtara dawn l-oġġetti jinkludi ammont ta' VAT tal-input li tħallas minn persuna li taqa' taħt waħda mill-kategoriji identifikati fl-Artikolu 314(a) sa (d) [tad-Direttiva tal-VAT], u li la din il-persuna u lanqas in-negozjant taxxabbli ma kienu f'pożizzjoni li jnaqqsu, effettivament jimplika tali taxxa doppja" [10].

27. Tali akkumulazzjoni ta' tassazzjoni fil-kuntest ta' oġġetti użati ġiet rikonoxxuta pjuttost kmieni [11]. Il-Kummissjoni nnotat f'dak ir-rigward li n-nuqqas ta' regoli speċjali dwar xogħlijiet tal-arti, antikitajiet, oġġetti tal-kollezzjoni u oġġetti użati wassal għas-sitwazzjoni li fiha "oġġett lest li reġa' ġie introdott fiċ-ċirkuwitu ekonomiku jerġa' jkun għal kollox suġġett għat-taxxa fuq il-valur miżjud u l-persuna taxxabbli li tixtieq terġa' tbiegħ l-oġġett ma tistax tnaqqas it-taxxa inkluża fil-prezz tax-xiri tal-oġġett... Id-differenza li tirriżulta fl-oneru tat-taxxa tkun inċentiv biex jiġu evitati l-kanali kummerċjali ordinarji" [12] [traduzzjoni mhux uffiċjali].

## *2. Li tista' tiġi użata ulterjorment*

28. It-tieni kundizzjoni tal-Artikolu 311(1)(1) tad-Direttiva tal-VAT dwar "li tista' tiġi użata ulterjorment" ġiet interpretata mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Sjelle Autogenbrug. Dik il-kawża kienet tirrigwarda vetturi bil-mutur li ma għadhomx jintużaw li kienu nxtraw biex jinbiegħu bħala partijiet ta' rikambju. Il-Qorti tal-Ġustizzja spjegat "li tista' tiġi użata ulterjorment" kellha tiġi eżaminata permezz tal-kwistjoni jekk l-oġġett inkwistjoni *għad fih il-funzjonalitajiet* li kellu meta kien ġdid [13]. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-kunċett ta' "oġġetti użati" ma jeskludix "l-beni mobbli tanġibbli li jistgħu jiġu użati mill-ġdid kif inhuma jew wara li jissewwew, li jirriżultaw minn oġġett ieħor li kienu inkorporati fih bħala partijiet kostituttivi. Fil-fatt, iċ-ċirkustanza li oġġett użat li jikkostitwixxi oġġett ieħor ikun separat minn dan tal-aħħar ma tikkontestax il-klassifikazzjoni ta' oġġett meħud minn 'oġġett użat', sa fejn dan jista' jintuża mill-ġdid 'kif inhu [...] jew wara li jissew[a]'". [14]

9 Ara f'dak is-sens, pereżempju s-sentenza tat-8 ta' Diċembru 2005, Jyske Finans (C-280/04, EU:C:2005:753, punti 38 sa 41).

10 Sentenza tat-18 ta' Mejju 2017, Litdana (C-624/15, EU:C:2017:389, punt 26 u l-ġurisprudenza ċċitata). Ara wkoll f'dan is-sens is-sentenza tal-1 ta' April 2004, Stenholmen (C-320/02, EU:C:2004:213, punt 25).

11 Ara s-sentenza tal-5 ta' Diċembru 1989, ORO Amsterdam Beheer u Concerto (C-165/88, EU:C:1989:608, punt 16). Ara b'analoġija s-sentenza tas-27 ta' Ġunju 1989, Kühne vs Finanzam München III (C-50/88, EU:C:1989:262, punti 9 sa 10). Ara wkoll il-Punt 1.2 tal-Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali tal-21 ta' Ġunju 1989 dwar il-proposta għal Direttiva tal-Kunsill li tissupplimenta s-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud u li temenda l-Artikolu 32 u l-Artikolu 28 tad-Direttiva 77/388/KEE — Arranġamenti speċjali għal oġġetti użati, xogħlijiet tal-arti, antikitajiet u oġġetti tal-kollezzjoni (ĠU 1989 C 201, p. 6).

12 Ara Proposta għas-seba' Direttiva tal-Kunsill dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud li għandha tiġi applikata għal xogħlijiet tal-arti, oġġetti tal-kollezzjoni, antikitajiet u oġġetti użati (ĠU 1978 C 26, p. 2).

13 Sentenza tat-18 ta' Jannar 2017, Sjelle Autogenbrug (C-471/15, EU:C:2017:20, punti 32 sa 33). Enfasi miżjuda.

14 Sentenza tat-18 ta' Jannar 2017, Sjelle Autogenbrug (C-471/15, EU:C:2017:20, punt 31).

29. L-element ewlieni tad-definizzjoni ta' "li tista' tiġi użata ulterjorment" huwa għalhekk il-*funzjonalità miżmuma tal-istess tip*. Madankollu, fil-kuntest ta' din il-kawża, it-twettiq fattwali ta' dik il-kundizzjoni jidher li hu l-punt kontenzjuż bejn il-partijiet.

30. Waqt is-seduta, l-appellanti argumentat essenzjalment li l-kundizzjoni ta' "li tista' tiġi użata ulterjorment" ġiet sodisfatta sal-punt li l-oġġetti inkwistjoni, bħaċ-ċrieket, jistgħu jibqgħu jintużaw bħala ċrieket, indipendentement minn jekk jinbiegħux skont il-piż (li, skont l-appellanti, ma huwiex fenomenu mhux komuni fin-negozju tal-ġojjellerija). Anki ċurkett tal-għerusija li jkun fih skrizzjoni (bħall-kliem "għal dejjem") jista' jitqies li jista' jiġi użat ulterjorment għax, b'mod ċar, għadu ċurkett u xorta jista' jintlibes.

31. Il-pożizzjoni tal-appellanti dwar li tista' tiġi użata ulterjorment ma ġietx aċċettata mill-Gvern Latvjan. Dak il-gvern jirrikonoxxi li skont il-liġi nazzjonali, jiġifieri l-Artikolu 184 tar-Regolament Nru 17[15], xogħlijiet li fihom metalli prezzjużi jew ħaġar prezzjuż huma meqjusa bħala oġġetti użati. Fl-istess ħin, skont dak il-gvern, dawn ix-xogħlijiet jistgħu jiġu kklassifikati biss bħala oġġetti użati jekk għadhom adattati għall-użu tal-*istess tip* u sakemm ikunu evalwati skont il-valur *individwali* tagħhom. Skont dak il-gvern, dak ma kienx il-każ tal-oġġetti inkwistjoni mibjugħa bil-piż u bħala ruttam minħabba l-elementi prezzjużi li jiġu estratti.

32. Waqt is-seduta, l-appellanti spjegat fid-dettall li 5 % biss tal-oġġetti mirhuna mhux mifdija jerġgħu jinbiegħu ikkunsidrati mill-awtoritajiet tat-taxxa fil-kawża prinċipali ma kinux adattati għal użu ulterjuri, u li t-tiswija ta' dawk l-oġġetti kienet tkun tiswa wisq. L-appellanti sostniet ukoll li oġġetti oħra kienu evalwati u mibjugħa individwalment għall-bejgħ bl-imnut jew bl-ingrossa, f'liema każ il-prezz tagħhom kien iddeterminat bil-piż. Dawn l-oġġetti kienu, skont l-appellant, adattati għal użu ulterjuri mingħajr tiswija. L-appellanti argumentat waqt is-seduta li dak li ntqal kien jiddeskrivi l-karatteristiċi tal-5 % tal-oġġetti mirhuna mhux mifdija li affettwaw il-konklużjonijiet magħmula mill-awtorità fiskali fir-rigward tal-prodotti kollha kkunsidrati. Ir-riżultat huwa li t-trattament tal-VAT irriżervat għal dawk il-5 % tal-oġġetti ġie applikat għall-oġġetti kollha kkunsidrati.

33. Il-Kummissjoni ssib li l-oġġetti inkwistjoni ma kinux idonei għal użu ulterjuri minħabba n-natura tagħhom (materjal dentali) jew minħabba l-kundizzjoni tagħhom (oġġetti imħassra wisq jew ippersonalizzati mill-persuna). In-nuqqas li l-ħaġa tista' tiġi użata ulterjorment huwa, skont il-Kummissjoni, evidenzjat ukoll miċ-ċirkustanzi li fihom seħħet it-tranżazzjoni inkwistjoni.

34. Hija ċertament ta' importanza primarja konoxxenza tal-elementi fattwali rilevanti għall-evalwazzjoni tal-każ, inkluż quddiem din il-Qorti tal-Ġustizzja. Madankollu, huma l-qrati nazzjonali li jagħmlu esklużivament l-evalwazzjonijiet fattwali. Din il-Qorti tal-Ġustizzja hija marbuta bil-fatti kif aċċertati u ppreżentati mill-qorti tar-rinviju. Jiena nixtieq nagħmel dan il-punt ċar minħabba diversi dikjarazzjonijiet fattwali magħmula b'mod partikolari mill-appellanti, li l-iskop tagħha kien li effettivament tikkonvinċi lil din il-Qorti tal-Ġustizzja li l-awtoritajiet nazzjonali u b'implikazzjoni l-qrati nazzjonali ħallew barra l-fatti rilevanti u/jew evalwawhom ħażin.

35. Għalhekk, il-punt tat-tluq tal-evalwazzjoni legali skont id-dritt tal-Unjoni huwa bbażat fuq id-deskrizzjoni tal-oġġetti kif ikkaratterizzata mill-qorti tar-rinviju fl-ordni tar-rinviju tagħha u riflessa fit-test tal-ewwel domanda preliminari tagħha. Għaldaqstant qed nassumi li, kif tistipula l-ewwel domanda, l-oġġetti magħmula minn metalli prezzjużi jew ħaġar prezzjuż reġgħu inbiegħu mill-appellanti *għall-estrazzjoni*, jiġifieri biex jintużaw mill-ġdid bħala *materja prima*.

15 Iktar 'il fuq, il-punt 7 ta' dawn il-konklużjonijiet.

36. Jekk dan huwa tabilħaqq il-każ, li hija esklużivament l-qorti nazzjonali li għandha tivverifikah u tevalwah, is-suġġeriment tiegħi huwa li f'sitwazzjoni bħal din, għal raġunijiet li ser nispjega fid-dettall fit-taqsimiet li ġejjin ta' dawn il-konklużjonijiet, fil-fatt tapplika l-eċċezzjoni ta' metalli jew ħaġar ta' qabel. Dawn il-prodotti kif deskritti mill-qorti tar-rinviju ma humiex oġġetti użati u jaqgħu taħt is-sistema ġenerali tal-VAT.

37. Madankollu, lil hinn mill-evalwazzjoni essenzjalment fattwali tan-natura ta' tranżazzjoni konkreta, hemm kwistjoni iktar profonda li diġà semmejt u li nemmen qiegħda ssaħħaħ l-ewwel domanda magħmula mill-qorti nazzjonali: ir-relazzjoni bejn il-kundizzjoni *li tista' tiġi użata ulterjorment* u l-eċċezzjoni tal-*metalli prezzjużi jew ħaġar prezzjuż*. Jiena naqbel li dik ir-relazzjoni hija diffiċli biex tkun artikolata, minħabba li t-tieni kundizzjoni tal-Artikolu 311(1)(1) tad-Direttiva tal-VAT hija ddefinita mill-użu (*funzjonalità*) tal-oġġett ikkonċernat, filwaqt li t-tielet kundizzjoni – l-eċċezzjoni tal-metalli prezzjużi jew ħaġar prezzjuż – hija ddefinita mill-*materjal* inkwistjoni. Jekk wieħed iżid ma' dik il-kumplessità l-fatt li t-tieni kundizzjoni hija waħda bbażata fuq liġi tal-Unjoni, filwaqt li t-tielet kundizzjoni hija espliċitament imħollija biex jiddefinixxuha l-Istati Membri, huwa pjuttost ċar li ż-żewġ definizzjonijiet x'aktarx jikkonfliġġu jew jidħlu f'xulxin.

38. Is-sottomissjonijiet orali magħmula waqt is-seduta wrew inċertezzi dwar dik ir-relazzjoni: Il-fatt li ċurkett użat huwa magħmul minn deheb jeskludi dak iċ-ċurkett awtomatikament mill-kunċett ta' oġġetti użati (u mill-iskema ta' marġni ta' profitt) għaliex, waqt li qed jintuża u jista' jintuża ulterjorment, huwa magħmul minn metall prezzjuż? Jew il-kundizzjoni ta' użu u l-idoneità għal użu ulterjuri jipprevalu fuq il-kwalità ta' metall prezzjuż jew ta' ħaġar prezzjuż, li jfisser li kwalunkwe oġġett użat li huwa adattat għal użu ulterjuri u magħmul minn metalli prezzjużi jew ħaġar prezzjuż għandu dejjem jitqies bħala oġġett użat, u għalhekk inkluż fl-iskema tal-marġni ta' profitt?

39. Sabiex tiġi ddefinita r-relazzjoni preċiża bejn dawn iż-żewġ kunċetti, jeħtieġ li jiġu deskritti l-ewwel l-iskop speċifiku, il-loġika u l-istorja tal-eċċezzjoni tal-metalli prezzjużi jew tal-ħaġar prezzjuż.

### *B. L-eċċezzjoni tal-metalli prezzjużi jew tal-ħaġar prezzjuż*

40. Mal-ewwel qari tat-test tal-Artikolu 311(1)(1) tad-Direttiva tal-VAT, jidher ċar li "metalli prezzjużi jew ħaġar prezzjuż" huma sempliċement esklużi mill-kunċett ta "oġġetti użati", l-istess bħal "xogħlijiet ta' l-arti, oġġetti tal-kollezzjoni" u "antikitajiet".

41. Madankollu, dak ix-xebh apparenti għandu jiġi kkunsidrat fil-kuntest tiegħu. Ix-"xogħlijiet ta' l-arti, oġġetti tal-kollezzjoni" u "antikitajiet" huma esklużi mill-kunċett ta' oġġetti użati imma xorta huma inklużi fl-iskema tal-marġni ta' profitt. Għal dak il-għan, huma sempliċement iddefiniti f'dispożizzjonijiet separati tad-Direttiva tal-VAT [16]. B'kuntrast, metalli prezzjużi jew ħaġar prezzjuż huma esklużi mill-kunċett ta' oġġetti użati u, bl-istess mod, huma wkoll esklużi mill-iskema tal-marġni ta' profitt. Barra minn hekk, id-definizzjoni ta' "metalli prezzjużi jew ħaġar prezzjuż" titħalla espliċitament għall-Istati Membri.

42. Peress li l-kunsiderazzjoni tat-test tal-Artikolu 311(1)(1) tad-Direttiva tal-VAT (inklużi l-verżjonijiet lingwistiċi differenti tagħha) ma titfax iktar ħjiel fuq ir-relazzjoni preċiża bejn il-kunċetti ta' idoneità għall-użu ulterjuri u l-eċċezzjoni tal-metalli prezzjużi jew ħaġar prezzjuż, jiena issa ser ngħaddi għall-istorja leġiżlattiva ta' dik l-eċċezzjoni (1) qabel ma nikkunsidra l-għan u l-iskop tagħha (2).

16 Ara l-partijiet A, B u C u l-Anness IX tad-Direttiva tal-VAT.

*1. L-istorja leġiżlattiva*

43. L-ewwel proposta[17] li qieset il-metalli prezzjużi jew il-ħaġar prezzjuż fil-kuntest tal-iskema tal-marġni ta' profitt iddefinixxiet "oġġetti użati" bħala "proprjetà mobbli minbarra [xogħlijiet tal-arti, oġġetti tal-kollezzjoni u antikitajiet] li ntużat u hija adattata għall-użu mill-ġdid kif inhi jew wara t-tiswija"[18]. Interessanti li l-Artikolu 3(4) ta' dik il-proposta jiddikjara li l-iskema għall-oġġetti użati "ma għandhiex tapplika għal provvisti ta' *oġġetti użati magħmula mid-deheb jew xi metall prezzjuż ieħor jew li fihom ħaġar prezzjuż*"[19]. Fl-istess ħin, id-definizzjoni ssuġġerita ta' "xogħlijiet tal-arti", "oġġetti tal-kollezzjoni" u "antikitajiet" inkludiet oġġetti magħmula mid-deheb jew xi metalli prezzjużi oħra jew li fihom ħaġar prezzjuż, fejn il-valur ma jaqbiżx 50 % tal-prezz tal-bejgħ"[20]. Dik il-proposta madankollu ġiet irtirata f'Novembru 1987 minħabba nuqqas ta' qbil.

44. Fi proposta oħra[21] li eventwalment wasslet għall-adozzjoni tad-Direttiva 94/5/KE[22], il-Kummissjoni ssuġġeriet li oġġetti magħmula mid-deheb jew xi metalli prezzjużi oħra jew li fihom ħaġar prezzjuż, fejn il-valur ta' dawk il-materjali ma qabiżx il-50 % tal-prezz tal-bejgħ tagħhom, xorta jibbenefikaw mill-arranġamenti speċjali applikabbli, *inter alia*, għall-oġġetti użati[23].

45. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali appoġġja l-introduzzjoni tal-arranġamenti speċjali u approva l-esklużjoni ta' metalli prezzjużi jew ħaġar prezzjuż. Madankollu, ma qabilx li l-kamp ta' applikazzjoni ta' dawk l-arranġamenti speċjali għandu jiddependi fuq il-valur tal-materjali inkorporati. Huwa nnota li "[…] il-proposta li jiġu inklużi oġġetti li fihom ħaġar prezzjuż u metalli biss meta l-valur tal-materjali inkorporati jammonta għal inqas minn 50 % tal-prezz tal-bejgħ tidher xi ftit arbitrarja. Id-diffikultà ta' evalwazzjoni oġġettiva probabbilment twassal għal diversi tilwim jew każijiet ta' frodi. Forsi kien ikun iktar utli li jiġu esklużi oġġetti li huma adattati biex jerġgħu jinħadmu" [traduzzjoni mhux uffiċjali][24].

46. Il-verżjoni adottata tad-Direttiva 94/5 daħħlet Artikolu 26a[25] ġdid li pprovda għal esklużjoni sempliċi ta' metalli prezzjużi u ħaġar prezzjuż, mingħajr riferiment għall-valur li dawn l-elementi jirrappreżentaw fl-oġġett kollu.

47. Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, l-idea tal-esklużjoni tal-oġġetti *magħmula minn* metalli prezzjużi jew *li fihom* ħaġar prezzjuż mill-iskema kif ukoll l-idea ta' limitu ta' 50 % deher fil-proċess leġiżlattiv bħala elementi rilevanti għad-delimitazzjoni tal- arranġamenti speċjali għal, *inter alia*, oġġetti użati

17 Proposta għas-Seba' Direttiva tal-Kunsill tal-11 ta' Jannar 1978 dwar l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud li għandha tiġi applikata għal xogħlijiet artistiċi, oġġetti tal-kollezzjoni, antikitajiet u oġġetti użati (ĠU 1978 C 26, p. 2). Dik il-proposta ġiet sussegwentement emendata imma dawk l-emendi ma humiex rilevanti fil-kuntest preżenti (ĠU 1979 C 136, p. 8).

18 Ara l-Artikolu 3 tal-Proposta msemmija iktar 'il fuq, fin-nota ta' qiegħ il-paġna 17 (ĠU 1978 C 26, p. 2).

19 Enfasi miżjuda.

20 Ara l-Artikolu 2(4) issuġġerit tal-proposta msemmija iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 17.

21 Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li tissupplimenta s-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud u li temenda l-Artikolu 32 u l-Artikolu 28 tad-Direttiva 77/388/KEE — Arranġamenti speċjali għal oġġetti użati, xogħlijiet tal-arti, antikitajiet u oġġetti tal-kollezzjoni, COM 88 (846) finali, (ĠU 1989 C 76, p. 10).

22 Id-Direttiva tal-Kunsill 94/5/KEE tal-14 ta' Frar 1994 li tissupplimenta s-sistema komuni tat-taxxa fuq il-valur miżjud u li temenda d-Direttiva 77/388/KEE -Arranġamenti speċjali applikabbli għal oġġetti użati, xogħlijiet tal-arti, oġġetti tal-kollezzjoni u antikitajiet (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 255).

23 Ara l-Artikolu 1 tal-Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li tissupplimenta s-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud u li temenda l-Artikolu 32 u l-Artikolu 28 tad-Direttiva 77/388/KEE — Arranġamenti speċjali għal oġġetti użati, xogħlijiet tal-arti, antikitajiet u oġġetti tal-kollezzjoni COM 88 (846) finali, (ĠU 1989 C 76, p. 10).

24 Punt 3.1 tal-Opinjoni tal-21 ta' Ġunju 1989 dwar il-proposta għal Direttiva tal-Kunsill li tissupplimenta s-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud u li temenda l-Artikolu 32 u l-Artikolu 28 tad-Direttiva 77/388/KEE — Arranġamenti speċjali għal oġġetti użati, xogħlijiet tal-arti, antikitajiet u oġġetti tal-kollezzjoni, 89/C-201/03 (ĠU 1989 C 201, p. 6).

25 "A. […]: (d) oġġetti wżati tfisser proprjetà mobbli tanġibbli li hi xierqa għal aktar użu kif inhi jew wara li tkun imsewwija, minbarra xogħlijiet ta' l-arti, oġġetti tal-kollezzjoni jew antikitajiet u minbarra metalli prezzjużi jew ħaġar prezzjuż kif imfisser mill-Istati Membri".

48. Madankollu, għalkemm titfa dawl fir-rigward tal-problemi prattiċi li nqalgħu matul il-proċess, l-istorja leġiżlattiva ma tiżvelax ir-raġunijiet preċiżi li wasslu għall-esklużjoni ta' metalli prezzjużi u ħaġar prezzjuż mill-iskema tal-marġni ta' profitt. Sabiex wieħed tifhem dak il-għan, irid imur lura għal-loġika (ekonomika) inerenti f'oġġetti magħmula minn metalli prezzjużi jew ħaġar prezzjuż.

*2. Loġika u skop ekonomiċi*

49. In-natura ta' oġġetti magħmula minn jew li jkun fihom metalli prezzjużi jew ħaġar prezzjuż hija speċifika [26]. Il-funzjoni (u l-valur) tagħhom hija doppja. Skont il-kwalità u l-kundizzjoni ta' kull oġġett speċifiku, jikkostitwixxu mhux biss oġġett speċifikament maħdum jew prodott b'ċerta funzjonalità (valur funzjonali), imma jaħżnu wkoll il-valur intrinsiku attribwit mis-soċjetà lil metalli prezzjużi jew ħaġar prezzjuż li jinsabu fih (valur intrinsiku "materjali").

50. Il-problema prattika murija mill-istorja leġiżlattiva kumplessa tal-Artikolu 311(1)(1) tad-Direttiva tal-VAT hija li minħabba l-firxa vasta ta' oġġetti magħmula minn jew li fihom elementi ta' metalli prezzjużi jew ħaġar prezzjuż, huwa diffiċli tfassal kriterju astratt biex tevalwa b'mod ġenerali l-importanza relattiva ta' kull wieħed minn dawk it-tipi ta' valur.

51. Minn naħa waħda tal-ispettru, nista' ċertament nuża biċċa tad-deheb bħala pożakarti. Tista' tinbiegħ ukoll u tiġi użata mill-ġdid bħala pożakarti. Madankollu huwa improbabbli ħafna li l-prezz ta' din il-pożakarti jiġi ddeterminat fir-rigward tal-effiċjenza innegabbli tagħha li żżomm qatta karti milli jtiru minn posthom, anki jekk ikun hemm buffura riħa. Minflok, il-prezz tagħha x'aktarx li jiġi ddeterminat fuq il-bażi tal-prezz attwali tas-suq tad-deheb. F'xenarju bħal dan, il-prezz tal-oġġett ikun il-prezz tal-materja prima li minnha huwa magħmul.

52. Min-naħa l-oħra, wieħed jista' jimmaġina apparat mediku kumpless u għoli li hu magħmul minn, fost affarijiet oħra, diversi metalli prezzjużi jew saħansitra ħaġar/ħaġra prezzjuż/a. Il-valur tal-metalli prezzjużi jew ħaġar prezzjuż fl-apparat jista' fih innifsu jkun kunsiderevoli, imma x'aktarx li l-valur funzjonali tal-apparat, jekk jinbiegħ mill-ġdid meta jkun jaħdem għal kollox, ikun ferm ogħla mill-valur tal-materjali prezzjużi użat biex dan isir.

53. Madankollu, apparti minn eżempji kurjużi, huwa pjuttost ċar li għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 311(1)(1) tad-Direttiva tal-VAT, huwa l-ewwel xenarju li x'aktarx ikun rilevanti. Hemm varjetà ta' oġġetti magħmula minn jew li fihom metalli prezzjużi li l-valur tagħhom, bħala oġġetti b'ċerta funzjonalità, ma tantx huwa ovvju. Imma dawk l-oġġetti xorta jiġu nnegozjati minħabba l-kontenut prezzjuż tagħhom. F'din il-kawża, jidher li jikkonċerna partikolarment materjal dentali, biċċiet ta' pożati mkissra jew ġojjellerija miksura.

54. Għalhekk huwa ċar li oġġetti magħmula minn metalli prezzjużi jew ħaġar prezzjuż għandhom "valur maħżun" li huwa indipendenti minn jekk il-funzjonalità inizjali tal-oġġett konkret tinżammx jew le. Huwa għalhekk li l-metalli u l-ħaġar ikkonċernati jissejħu *prezzjużi* wara kollox, għaliex saru gwerer għall-pussess tagħhom, u għaliex l-iskoperta ta' teżor moħbi li fih muniti, ċrieket u ġojjellerija ta' reġina mhux magħrufa jagħmel lill-pijuniera b'xortiha mara sinjura [27], għalkemm xorta tista' tippreferi ġojjelli moderni eħfef għall-użu ta' kuljum.

55. Fid-dawl ta' din il-loġika ekonomika, jidher għalhekk li l-eċċezzjoni tal-metalli prezzjużi jew tal-ħaġar prezzjuż timmira għal sitwazzjonijiet li fihom, sempliċement, ma jimpurtax li tintilef il-funzjonalità oriġinali tal-oġġetti użati jew fil-kuntest tat-tranżazzjoni inkwistjoni. Oġġetti bħal dawn ma jinbiegħux mill-ġdid minħabba l-funzjonalità tagħhom, imma minħabba l-valur inerenti tal-materja

26 Ara, b'analoġija, dwar id-deheb ta' investiment, is-sentenza tas-26 ta' Mejju 2016, Envirotec Denmark (C-550/14, EU:C:2016:354, punt 41).
27 Bla ħsara, naturalment, għal-leġiżlazzjoni nazzjonali rilevanti.

prima li huma magħmula minnha. Għaldaqstant, dawn l-oġġetti jħallu ċ-ċiklu ekonomiku speċifiku ta' oġġetti użati. Minflok, jidħlu f'ċiklu ekonomiku ġdid ta' materjal "mhux maħdum", li effettivament iservi bħala kontribut għall-produzzjoni ta' oġġetti ġodda magħmula minn metalli prezzjużi jew ħaġar prezzjuż.

56. Fl-aħħar nett, bħala punt ta' analoġija usa' u sistematika, għandu jiġi nnotat li kunsiderazzjonijiet simili wasslu lill-leġiżlatur tal-Unjoni biex jeżenta għal kollox deheb tal-investiment mill-VAT [28]. Fil-proposta rilevanti li tintroduċi l-iskema speċjali għad-deheb, il-Kummissjoni nnutat il-problema ta' taxxa reżidwa u tassazzjoni doppja li tikkostitwixxi "l-ġustifikazzjoni proprja tal-iskema speċjali proposta [...] għal oġġetti użati, xogħlijiet tal-arti, antikitajiet u oġġetti tal-kollezzjoni... B'kuntrast, id-deheb, bħala oġġett ta' investiment, jista' jkun is-suġġett ta' numru illimitat ta' tranżazzjonijiet. [...] Is-sistema ta' intaxxar tal-marġni timminimizza imma ma teliminax kompletament l-effetti tat-taxxa reżidwa: tkompli tikber iktar ma jkun twil iċ-ċiklu ekonomiku, sempliċiment għax it-taxxa fuq il-marġni hija inkorporata fil-prezz u ma tistax tiġi imnaqqsa mix-xerrej sussegwenti. Il-valur partikolarment għoli tad-deheb u n-numru kbir ta' tranżazzjonijiet suċċessivi li jista' jkun suġġett għalih jamplifikaw dan il-fenomenu" [29] [traduzzjoni mhux uffiċjali].

57. L-eżenzjoni applikabbli għall-investiment tad-deheb ġej mill-fatt li hija meqjusa bħala "hija simili b'mod inerenti għal investimenti finanzjarji oħra li huma eżenti mill-VAT" [30]. B'kuntrast, ir-raġunijiet għall-eżenzjoni jgħibu jekk id-deheb ta' investiment jiġi ttrasformat, pereżempju, f'ġojjellerija. Għadu l-istess materjal iżda l-funzjoni tiegħu fi ħdan iċ-ċiklu ekonomiku jitqies b'mod differenti [31].

### *3. Id-diskrezzjoni tal-Istati Membri u l-limiti tagħha*

58. Fl-aħħar nett, l-Artikolu 311(1)(1) tad-Direttiva tal-VAT jgħid li l-metalli prezzjużi u ħaġar prezzjuż għandhom ikunu *ddefiniti mill-Istati Membri*.

59. Il-latitudni kunsiderevoli li l-Istati Membri jgawdu fl-istabbiliment tal-kundizzjonijiet għall-applikabbiltà tal-eċċezzjoni tal-metalli prezzjużi jew tal-ħaġar prezzjuż, madankollu, ma hijiex illimitata. Jistgħu jissemmew żewġ tipi ta' limiti bħala konklużjoni għal din it-taqsima: ġenerali u speċifiċi.

60. F'dak li jirrigwarda l-limiti *ġenerali* applikabbli għal eċċezzjonijiet fid-Direttiva tal-VAT, il-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet li meta jimplimentaw eċċezzjoni, l-Istati Membri għandhom jirrispettaw, b'mod speċjali, il-prinċipji ta' trattament ugwali u newtralità fiskali [32], wara li jitqies l-għan [33] li trid id-Direttiva tal-VAT.

28 Ara l-Artikolu 346 tad-Direttiva tal-VAT. L-Artikolu 344 tad-Direttiva tal-VAT jiddefinixxi "deheb ta' l-investiment".

29 Proposta għal direttiva tal-Kunsill li tissupplimenta s-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud u li temenda d-Direttiva 77/388/KEE – skema speċjali għad-deheb, COM (92) 441 finali, paġni 6 u 7. Dik il-proposta wasslet għad-Direttiva tal-Kunsill 98/80/KE tat-12 ta' Ottubru 1998 li tissupplimenta s-sistema komuni tat-taxxa fuq il-valur miżjud u li temenda d-Direttiva 77/388/KEE - Skema speċjali għall-investiment ta' deheb (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 315).

30 Premessa 53 tad-Direttiva tal-VAT.

31 Kif irrikonoxxut fil-Premessa 27 tad-Direttiva tal-VAT. Ara wkoll l-Artikolu 82 tad-Direttiva tal-VAT. Ara wkoll il-Premessa 4 tal-Proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 77/388/KEE fir-rigward ta' ċerti miżuri biex tissemplifika l-proċedura għall-impożizzjoni tal-VAT u biex tassisti fil-ġlieda kontra l-evażjoni u l-evitar tat-taxxa u tħassar ċerti Deċiżjonijiet li jagħtu derogi (COM(2005) 89 finali).

32 Dwar il-kunċetti differenti tad-Direttiva tal-VAT (jew il-predeċessur tagħha) li d-definizzjoni titħalla għall-Istati Membri, ara, pereżempju, is-sentenza tas-26 ta' Mejju 2005, Kingscrest Associates and Montecello (C-498/03, EU:C:2005:322, punti 51 sa 54); tas-27 ta' April 2006, Solleveld (C-443/04, EU:C:2006:257, punti 27 sa 36); tat-28 ta' Ġunju 2007, JP Morgan Fleming Claverhouse Investment Trust u The Association of Investment Trust Companies (C-363/05, EU:C:2007:391, punti 41 sa 49); tal-15 ta' Novembru 2012, Zimmermann (C-174/11, EU:C:2012:716, punti 31 sa 33); tat-28 ta' Novembru 2013, MDDP (C-319/12, EU:C:2013:778, punti 37 u 38); jew tat-13 ta' Marzu 2014, ATP PensionService (C-464/12, EU:C:2014:139, punt 42).

33 Ara, f'dan is-sens, sentenzi tas-27 ta' April 2006, Solleveld (C-443/04, EU:C:2006:257, punt 35); tat-28 ta' Ġunju 2007, JP Morgan Fleming Claverhouse Investment Trust and the Association of Investment Trust Companies (C-363/05, EU:C:2007:391, punt 43); u tat-13 ta' Marzu 2014, ATP PensionService (C-464/12, EU:C:2014:139, punt 42).

61. Il-limitu *speċifiku* joħroġ mill-għan konkret tad-dispożizzjoni interpretata, jiġifieri l-Artikolu 311(1)(1) tad-Direttiva tal-VAT f'din il-kawża. Għal darba oħra, huwa ċar li dik id-dispożizzjoni tħalli lill-Istati Membri marġni kunsiderevoli rigward id-definizzjoni tal-kunċett ta' "metalli prezzjużi jew ħaġar prezzjuż", b'mod partikolari għad-definizzjoni tat-tipi ta' metalli prezzjużi u ħaġar prezzjuż, kif ukoll in-natura tal-oġġett inkwistjoni. Madankollu, l-eżerċizzju ta' dik id-diskrezzjoni ma jistax iċaħħad il-kunċett ta' "oġġetti użati" mill-kontenut proprju tiegħu permezz ta' definizzjoni dejqa wisq ta' dak li jista' jikkostitwixxi metalli prezzjużi jew ħaġar prezzjuż. Il-konsegwenza ta' dan tkun li kwalunkwe oġġett li jkun fih metalli prezzjużi jew ħaġar prezzjuż jibqa' fis-sistema ta' oġġetti użati għal dejjem, irrispettivament mill-użu kontinwu u l-funzjonalità tiegħu.

62. Fi kliem ieħor, għandha tiġi rrispettata l-loġika ekonomika bażika tal-eċċezzjoni tal-metalli prezzjużi jew tal-ħaġar prezzjuż. Sabiex oġġett jibqa' fi ħdan l-iskema tal-marġni ta' profitt applikabbli għal oġġetti użati, għandu jkun hemm xi funzjonalità ppreżervata tal-oġġett inkwistjoni, minbarra l-kontenut ta' materjal prezzjuż [34].

## *C. Evalwazzjoni ta' tranżazzjoni*

63. Il-kriterju ewlieni biex jiġi deċiż jekk oġġett jaqax taħt l-iskema ta' marġini ta' profitt ta' oġġetti użati jew jekk jerġax jidħol (permezz tal-eċċezzjoni tal-metalli prezzjużi jew tal-ħaġar prezzjuż) lura fis-sistema ġenerali tal-VAT hija l-*funzjonalità miżmuma* (użu) tal-oġġetti kkunsidrati. Il-loġika ġenerali hija l-prevenzjoni tat-tassazzjoni doppja u d-distorsjoni tal-kompetizzjoni fil-kuntest ta' oġġetti li jerġgħu jiddaħħlu fiċ-ċiklu ekonomiku mingħajr ma jkun hemm valur ekonomiku miżjud ġdid.

64. Madankollu, kif turi din il-kawża, huma d-dettalji li jaqilgħu l-problema. Kif tista' tiġi applikata dik ir-regola ġenerali f'sitwazzjonijiet fattwali kumplessi ta' oġġetti apparentement imħallta mibjugħa bl-ingrossa? Il-gwida pprovduta f'din it-taqsima fir-rigward ta' sitwazzjonijiet bħal dawn bilfors li tkun limitata għal żewġ raġunijiet: l-ewwel nett, kull evalwazzjoni ta' dan it-tip se tkun mgħobbija bil-fatti, u għandha ssir mill-qorti nazzjonali. It-tieni nett, dik l-evalwazzjoni fattwali se tkun imdaħħla iktar fir-regoli nazzjonali li qed jimplementaw l-Artikolu 311(1)(1) tad-Direttiva tal-VAT u li, sakemm jikkonformaw mal-limiti stabbiliti mil-liġi tal-Unjoni, jistgħu jippermettu xi differenzjazzjoni, b'mod partikolari f'każijiet limitu.

65. B'din l-attenzjoni f'moħħna, is-sezzjoni finali ta' dawn il-konklużjonijiet l-ewwel ser tistabbilixxi l-kriterji biex titwettaq din l-evalwazzjoni (1) qabel ma ngħaddi għal fatturi konkreti li jistgħu jitqiesu meta ssir din l-evalwazzjoni (2).

### *1. Il-kriterju: il-funzjonalità miżmuma (użu) tal-oġġetti kkunsidrati*

66. Kif diġà nnutat, il-mistoqsija ewlenija li għandha ssir hija jekk il-funzjonalità tal-oġġetti inkwistjoni hijiex ippreżervata u jekk dik il-funzjonalità hijiex fuq il-metall prezzjuż "sempliċi" li minnu huwa magħmul dak l-oġġett.

67. Id-diskussjoni li żvolġiet matul is-seduta wriet il-kumplessità tax-xenarji fattwali li fil-prattika jistgħu jinqalgħu. Biex nibdew, hemm ċerti xenarji li huma ċari.

34 Ara wkoll Capaccioli, S., "VAT Taxation of Gold in the European Union', *EC Tax Review 2014*, paġni 85 sa 101, f'p. 100: "the margin scheme is applicable to used jewellery only if the transaction has a 'margin' over the precious metals contained, meaning that added value over the metal exists. If the transaction has the substance of reworking or recovering the gold, used jewellery is deemed gold material" ["l-iskema tal-marġini hija applikabbli għal ġojjellerija użata biss jekk it-tranżazzjoni jkollha 'marġini' fuq il-metalli prezzjużi li jinsabu fiha, li jfisser li jeżisti valur miżjud fuq il-metall. Jekk it-tranżazzjoni jkollha s-sustanza ta' xogħol mill-ġdid jew irkuprar tad-deheb, il-ġojjellerija użata titqies bħala materjal tad-deheb"].

68. L-ewwel nett, kien hemm kunsens li l-eċċezzjoni tal-metalli prezzjużi jew tal-ħaġar prezzjuż tapplika għal oġġetti meta jinbiegħu bħala *materjal*. Jiena naqbel ma' dan. Dan ifisser bħala prinċipju (sakemm ma tapplikax dispożizzjoni speċifika oħra tad-Direttiva tal-VAT, bħal dik għal deheb ta' investiment, oġġetti tal-kollezzjoni jew antikitajiet), li biċċa deheb darba miżmuma bħala tifkira u mbagħad mogħtija bħala rahan bi skambju għal self tiġi kklassifikata bħala metall prezzjuż skont it-tifsira tal-Artikolu 311(1)(1) tad-Direttiva tal-VAT. L-esklużjoni mill-iskema tal-marġni ta' profitt tidher loġika għaliex dawk l-oġġetti x'aktarx jiġu nnegozjati biex jitħaddmu mill-ġdid.

69. It-tieni nett, ser ikun hemm oġġetti magħmula minn metalli prezzjużi jew ħaġar prezzjuż li se jinbiegħu meta jitqies il-valur tal-materjal *kif ukoll* il-funzjoni individwali tagħhom. Oġġetti bħal dawn x'aktarx jinbiegħu b'mod *individwalizzat*. Dan jista' jkun il-każ ta', pereżempju, ġiżirana tad-deheb użata, li l-valur tagħha huwa ċertament vvalutat fid-dawl tal-purezza tal-materjal użat, imma wkoll fid-dawl tal-kundizzjoni tagħha, li tinkludi l-idoneità tal-ġiżirana li għadha trid tintlibes. L-inklużjoni ta' tali oġġett taħt l-iskema tal-marġni ta' profitt tidher li hi xierqa minħabba li dawn l-oġġetti x'aktarx li ma jiġux innegozjati biex jitħaddmu mill-ġdid.

70. Minbarra każijiet ċari bħal dan, li jistgħu jitqiesu li jifformaw it-truf ta' spettru, hemm għadd ta' xenarji inqas ċari bejniethom.

71. Min-naħa waħda, hemm oġġetti li huma, għal raġunijiet ekonomiċi, mibjugħa skont il-piż jew bl-ingrossa filwaqt li l-funzjonalità tagħhom mhux biss tinżamm, imma anki tittieħed inkunsiderazzjoni. Dan jista' jkun il-każ ta' taħlita ta' ċrieket tal-fidda ta' kwalità inferjuri, ipprezzati u mibjugħa bil-kilo. B'mod simili għal dak li ġie argumentat mill-appellanti waqt is-seduta, nikkunsidra li l-fatt li oġġetti speċifiċi huma pprezzati u mibjugħa bil-kilo, mhux bilfors jipprevjeni l-possibbiltà li dawk l-oġġetti jitqiesu bħala oġġetti użati, fis-sens tal-Artikolu 311(1)(1) tad-Direttiva tal-VAT jekk il-funzjonalità ppreżervata hija tabilħaqq element rilevanti tat-tranżazzjoni. Fil-fatt, jekk il-funzjonalità ppreżervata tagħhom tkun importanti sabiex jiġi aċċertat il-valur tagħhom, allura dawn l-oġġetti x'aktarx ma jinbiegħux biex jinħadmu mill-ġdid.

72. Min-naħa l-oħra, madankollu, hija meħtieġa konklużjoni differenti fil-każ ta' oġġetti pprezzati u mibjugħa bl-ingrossa irrispettivament mill-funzjonalità tagħhom. F'sitwazzjoni bħal din, il-fatt li tiġi injorata l-funzjonalità oriġinali tagħhom tfisser ukoll in-nuqqas ta' individwalizzazzjoni ta' kull oġġett uniku. Dak ikun il-każ, diskuss waqt is-seduta u msemmi mill-qorti tar-rinviju, ta' materjal dentali jew oġġetti bil-ħsara magħmula minn, jew li fihom, metalli prezzjużi jew ħaġar prezzjuż. Jekk il-funzjonalità tal-oġġetti użati inkwistjoni ma tibqax meqjusa bħala l-element rilevanti tat-tranżazzjoni kollha, jintilef l-"istatus ta' oġġett użat" tagħhom. Fil-fatt, jekk il-funzjonalità ssir irrilevanti, jidher diffiċli li wieħed iqis li dawk l-oġġetti ikunu s-suġġett ta' tranżazzjonijiet li għandhom jiġu introdotti u miżmuma bħala tali fiċ-ċiklu ekonomiku. Ir-raġuni fundamentali tal-iskema tal-marġni ta' profitt imbagħad tisparixxi.

73. Finalment, fl-aħħar kategorija, jista' jkun hemm is-sitwazzjoni fattwali speċifika ta' *taħlita fit-taħlita*: f'borża waħda, jista' jkun hemm mhux biss oġġetti mħallta (ċrieket, mgħaref, brazzuletti, pendenti) imma wkoll taħlita f'termini ta' wħud mill-oġġetti li jkunu oġġettivament adattati għall-użu mill-ġdid, jekk xi ħadd xtaq joħroġhom mill-borża u jużahom, filwaqt li oħrajn ma humiex.

74. Kif jiġu kklassifikati sitwazzjonijiet limitu bħal dawn jiddependi ħafna, għal darba oħra, fuq il-fatti tal-każ, flimkien mal-mod kif Stat Membru implementa l-eċċezzjoni tal-metalli prezzjużi jew tal-ħaġar prezzjuż tal-Artikolu 311(1)(1) tad-Direttiva tal-VAT. Personalment nara ħafna sens f'regola ġenerali ta' skop *predominanti* ta' kull tranżazzjoni fejn titfassal linja ta' madwar 50 %: jekk il-maġġoranza tal-oġġetti mibjugħa bl-ingrossa tkun biex jinħadmu mill-ġdid, mibjugħa bħala materjal, allura l-fatt li xi ħadd għadu jista' jiġbor oġġetti individwali minn borża u jużahom huwa sempliċiment mhux rilevanti, minħabba li l-għan ġenerali tat-tranżazzjoni kien differenti. Imma peress li, kif spjegat iktar 'il

fuq[35], it-tentattivi tal-leġiżlatur tal-Unjoni li jintroduċi dawn il-limiti twarrbu espressament u d-diskrezzjoni tħalliet f'idejn l-Istati Membri, huwa meħtieġ li tiġi onorata dik id-deċiżjoni u jiġi konkluż li, fil-limiti tad-diskrezzjoni tal-Istati Membri stabbilita iktar 'il fuq[36], huma l-Istati Membri li għandhom jistabbilixxu regoli għal sitwazzjonijiet bħal dawn, inklużi l-limiti applikabbli.

*2. Evalwazzjoni ta' Tranżazzjoni: il-Fatturi*

75. Liema mill-kategoriji msemmija hawn fuq hija kwistjoni li l-qorti tar-rinviju għandha tivverifika, bla ħsara għar-regoli nazzjonali speċifiċi adottati għat-traspożizzjoni tal-Artikolu 311(1)(1) tad-Direttiva tal-VAT. Minn dak li ntqal fid-digriet tar-rinviju u b'mod iktar speċifiku mill-kliem tal-ewwel domanda li saret, jidhirli li l-qorti tar-rinviju diġà wettqet tali evalwazzjoni fattwali u kkonkludiet li l-iskop tat-tranżazzjoni kien biex il-metalli prezzjużi jew il-ħaġar prezzjuż jiġu estratti u użati mill-ġdid bħala materja prima. Jekk dik hija tabilħaqq is-sitwazzjoni fattwali, naqbel li l-eċċezzjoni tal-metalli prezzjużi jew tal-ħaġar prezzjuż għandha tapplika.

76. Mingħajr ma tiġi kkontestata bl-ebda mod dik l-evalwazzjoni fattwali, imma sabiex tiġi pprovduta gwida ġenerali, jiena se niddiskuti fil-qosor xi fatturi li jistgħu jkunu ta' rilevanza fit-twettiq ta' tali evalwazzjoni fattwali. Ta' min jinnota li l-gwida offruta tifforma parti mir-risposta għall-ewwel domanda preliminari. Ma hijiex marbuta mat-tieni domanda li, minħabba r-risposta tiegħi għal tal-ewwel, ma għandhiex għalfejn tiġi indirizzata mill-Qorti tal-Ġustizzja.

77. Mill-bidu għandu jingħad li kull evalwazzjoni bħal din ta' tranżazzjoni għandha tkun waħda *oġġettiva*. Għandha l-għan li tivverifika l-iskop tat-tranżazzjoni kif tkun ipperċepita minn osservatur indipendenti meta wieħed jikkunsidra ċ-ċirkustanzi oġġettivi tagħha. B'ġeneralizzazzjoni fir-rigward tad-diversi fatturi diskussi matul dawn il-proċeduri, nissuġġerixxi li dawn jistgħu jitqiegħdu fi tliet basktijiet differenti.

78. L-ewwel nett, hemm il-fatturi li huma rilevanti u għandhom jitqiesu, bħall-preżentazzjoni ta' oġġetti biex jerġgħu jinbiegħu; metodi tal-evalwazzjoni ta' oġġetti bħal dawn u kundizzjonijiet oħra ta' bejgħ, bħalma huma l-kwantitajiet tal-oġġetti mibjugħa; u l-fatt li x-xerrej ikun involut f'xi negozju partikolari, jiġifieri l-ipproċessar ta' metalli prezzjużi jew ħaġar prezzjuż.

79. It-tieni nett, minbarra dawk il-fatturi oġġettivi, hemm ukoll l-element diskuss b'mod estensiv tal-intenzjoni suġġettiva. F'dan ir-rigward, naqbel kompletament mal-Gvern Latvjan u mal-Kummissjoni li l-intenzjonijiet ta' parti waħda jew oħra ma jistgħux ikunu konklużivi. Din l-intenzjoni ma tistax tiddetermina awtonomament l-iskop tat-tranżazzjoni u r-reġim tal-VAT applikabbli[37]. Dan jgħodd ukoll fir-rigward tal-"għarfien li l-appellanti kellha fil-mument tat-tranżazzjoni fir-rigward tal-intenzjoni tax-xerrejja rispettivi dwar kif l-oġġetti kienu ser jintużaw", li ssemmi l-qorti tar-rinviju.

35 Iktar 'il fuq, il-punti 44 sa 46 ta' dawn il-konklużjonijiet. Jien ċertament nirrikonoxxi l-potenzjal ta' frodi identifikat mill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali fl-oppożizzjoni tagħhom għall-introduzzjoni ta' kwalunkwe limitu ċar f'dan ir-rigward (iktar 'il fuq, il-punt 45). Madankollu, nistaqsi kemm il-problema rrikonoxxuta qed tiġi indirizzata b'mod effettiv billi ma jkun hemm l-ebda limitu fil-livell tal-Unjoni u dik il-problema titħalla għall-Istati Membri.

36 Iktar 'il fuq, punti 58 sa 62 ta' dawn il-konklużjonijiet.

37 Ara, b'analoġija, is-sentenza tas-6 ta' Lulju 2006, Kittel u Recolta Recycling (C-439/04 u C-440/04, EU:C:2006:446, punti 41 u 42 u l-ġurisprudenza ċċitata). Ara wkoll, dwar l-kunċett ta' "provvista ta' servizzi", is-sentenza tal-20 ta' Ġunju 2013, Newey (C-653/11, EU:C:2013:409, punt 41).

80. Dan ma jfissirx li l-intenzjoni tal-partijiet ma għandha l-ebda rilevanza. Ċertament għandha, imma mhux bħala fattur determinanti. Hija waħda biss mill-indikazzjonijiet (oġġettivi) li tista' tgħin biex tispjega n-natura vera u l-iskop tat-tranżazzjoni lill-osservatur estern li jevalwa t-tranżazzjoni kollha kemm hi. Dan l-aħħar punt huwa marbut mar-rikonoxximent iktar estensiv tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-fatt li "t-teħid inkunsiderazzjoni tar-realtà ekonomika u kummerċjali jikkostitwixxi kriterju fundamentali għall-applikazzjoni tas-sistema komuni tal-VAT" [38].

81. It-tielet nett, hemm fatturi li, għat-tip speċifiku ta' evalwazzjoni inkwistjoni, huma sempliċiment irrilevanti. Dan huwa l-każ tal-istatus legali tax-xerrej, kif iddikjarat ukoll mill-Gvern Latvjan u l-Kummissjoni.

82. Finalment, huwa ċar li l-fatturi oġġettivi rilevanti kollha għandhom jiġu kkunsidrati u evalwati b'mod ġenerali. Ma għandhomx jitqiesu f'iżolament minn xulxin. Għalhekk, pereżempju, il-fatt li oġġetti minn metalli prezzjużi jew ħaġar prezzjuż u li jinbiegħu bil-piż imma jżommu l-funzjonalità tagħhom [39] jista', f'ċerti ċirkustanzi, jibqgħu jitqiesu bħala oġġetti użati, jagħmilha ċara li l-fatt li l-bejgħ tal-oġġetti bil-piż ma jeliminax neċessarjament u fih innifsu r-rilevanza tal-funzjonalità ta' dawk l-oġġetti. L-istess japplika għall-metodu ta' evalwazzjoni: filwaqt li l-ipprezzar tal-oġġetti bbażat fuq il-valur tal-materjal jista' jkun indikazzjoni tal-fatt li l-oġġetti inkwistjoni huma nnegozjati mingħajr kunsiderazzjoni tal-funzjoni individwali tagħhom, il-kunsiderazzjoni tal-valur tal-materjal x'aktarx tkun parti mill-iffissar tal-prezzijiet għal ċurkett tad-deheb individwali wkoll. Għal dik ir-raġuni, u bl-istess mod kif ġie osservat mill-Kummissjoni, nikkunsidra li ċ-ċirkustanzi oġġettivi rilevanti tat-tranżazzjoni għandhom jitqiesu bħala ħaġa sħiħa u fl-interazzjoni reċiproka tagħhom.

## V. Konklużjoni

83. Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, nissuġġerixxi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi d-domandi magħmula minn Augstākā tiesa (il-Qorti Suprema, il-Latvja), kif ġej:

– L-Artikolu 311(1)(1) tad- Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kunċett ta' "oġġetti użati" ma jkoprix oġġetti użati miksuba minn kummerċjant li jkun fihom metalli prezzjużi jew ħaġar prezzjuż bħal dawk fil-proċeduri prinċipali li jerġgħu jinbiegħu primarjament għall-estrazzjoni ta' dawk il-metalli prezzjużi jew ħaġar prezzjuż, jekk jirriżulta miċ-ċirkustanzi oġġettivi tat-tranżazzjoni li dawn l-oġġetti jerġgħu jinbiegħu mingħajr kunsiderazzjoni tal-funzjonalità tal-oġġetti kkonċernati.

– Jekk dan huwiex il-każ għandu jiġi stabbilit fuq il-bażi taċ-ċirkustanzi oġġettivi tat-tranżazzjoni, meqjusa kollha kemm hi. L-elementi li għandhom jiġu kkunsidrati jinkludu l-preżentazzjoni ta' oġġetti għall-iskop tal-bejgħ mill-ġdid tagħhom; il-metodi tal-evalwazzjoni ta' dawn l-oġġetti; il-kwantitajiet tal-oġġetti mibjugħa flimkien; u l-fatt li x-xerrej huwa involut f'negozju partikolari, bħal pereżempju għall-ipproċessar ta' metalli prezzjużi jew ħaġar prezzjuż.

38 Sentenza tal-20 ta' Ġunju 2013, Newey (C-653/11, EU:C:2013:409, punt 42 u l-ġurisprudenza ċċitata).
39 Eżempju msemmi iktar 'il fuq fil-punt 71 ta' dawn il-konklużjonijiet.